# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021**

**Kawża Nru. 21**

**Rik. Nru. 1109/17JRM**

Joseph **ATTARD**, Francis Polidano, Joseph Aquilina, Mario Sultana, Andrew Bartolo, Louis Cachia, Mario Lia, Peter Farruġia, Joseph Galdes, Carmelo Degabriele, Raymond Alamango, John Grech, Joseph Camilleri, Joseph Gatt, Michael Farruġia, Michael Ellul, Anġelo Azzopardi u Carmen Schembri bħala eredi ta' Nażżareno Schembri

vs

**ONOR. MINISTRU GĦALL-FINANZI**, Onor. Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, u Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-7 ta' Diċembru, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti (i) ssib ma tiswiex u meħuda għal għanijiet mhux xierqa u msejsa fuq kunsiderazzjonijiet

mhux rilevanti u bi ksur tal-liġi[1] d-deċiżjoni meħuda mill-imħarrek Segretarju Permenenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali fit-8 ta' Awwissu, 2017, li biha ma laqax it-talba tagħhom bħala ex-ħaddiema tal-Malta Electricity Board (minn issa 'l hemm imsejjaħ 'l-MEB') u bir-riżultat li ċaħħadhom milli huma wkoll igawdu mill-pensjoni tat-Teżor taħt il-Kapitolu 93 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew l-iskema maħduma u ta' benefiċċju għal uħud mill-ex ħaddiema tal-MEB; u (ii) tordna li r-rikorrenti jiġu ttrattati bl-istess mod bħal dawk l-ex ħaddiema l-oħrajn kollha tal-MEB li qed igawdu minnha u/jew l-iskema mnedija mill-awtoritajiet governattivi sabiex isewwu l-anomaliji fil-pensjonijiet tal-ħaddiema u ex-ħaddiema tal-MEB. Talbu wkoll l-ispejjeż u żammew sħaħ il-jeddijiet kollha tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Diċembru, 2017[2], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-12 ta' Jannar, 2018, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li (i) l-Onor. Ministru tal-Finanzi, l-Onor. Ministru għall-Familja Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi ġew imħarrka bla bżonn billi ma humiex il-kontraditturi leġittimi; (ii) l-istħarriġ li qed jitolbu r-rikorrenti ma jaqax fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" skond id-disposizzjoni tas-subinċiż (2) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12; u (iii) safejn din l-azzjoni kif mibnija fuq l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tgħoddx għal persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku. Fil-mertu, jiċħdu x-xiljiet attriċi w jgħidu li l-atturi ma għandhom ebda jedd għal pensjoni tat-Teżor għar-raġunijiet hemm imfissra, kif ukoll li r-rimedju li qed jitolbu ma jistax jingħata minn din il-Qorti, b'hekk it-talbiet għandhom jiġu miċħuda;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-17 ta' Jannar, 2018[3], li bih il-partijiet filwaqt li għamlu referenza għall-kawża numru 837/2017 li qed tinstema' quddiem din il-Qorti u l-eċċezzjonijiet preliminari hemm imsemmija, jitolbu li ż-żewġ kawżi jimxu flimkien;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Jannar, 2018[4], li bih ordnat li jitressqu provi dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa quddiemha mill-partijiet b'rabta mal-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet;

[1] Art. 27 tal-Kap 452
[2] Paġġ. 23 sa 24 tal-proċess
[3] Paġ. 37 tal-proċess
[4] Paġ. 38 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 2018[5], li bih ordnat li t-trattazzjoni tal-kawża ssir bil-miktub u tat żmien lill-partijiet biex isir dan;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tat-18 ta' April, 2018[6], tal-intimati dwar l-eċċezzjonijiet preliminari msemmija;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-25 ta' Mejju, 2018[7], tal-atturi bi tweġiba għal dik tal-intimati;

Rat l-atti rilevanti tal-kawża;

Rat id-digrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-atturi jilmentaw minn ċaħda għat-talba tagħhom li jibbenefikaw mill-pensjoni tat-Teżor li ngħatat mill-imħarrek Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali. L-atturi jgħidu li din id-deċiżjoni hija inġusta, toħloq diskriminazzjoni, ittieħdet għal raġunijiet mhux xierqa, u tikser l-Artikolu 27 tal-Kap. 452 li jisħaq fuq il-jedd għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali. Jitolbu għaldaqstant li jingħataw trattament kif mistħoqq biex b'hekk ikollhom jedd għas-somma u pensjoni tat-Teżor bħalma jgawdu ħaddiema jew ħaddiema rtirati tal-MEB;

Illi l-imħarrkin, min-naħa l-oħra, jisħqu li t-talba tal-atturi ma treġix, kemm proċeduralment kif ukoll fil-mertu;

Illi bħala <u>fatti li tressqu mill-partijiet f'dan l-istadju tal-kawża</u> jirriżulta li fil-1977, meta twaqqfet il-Korporazzjoni Enemalta (minn issa 'l hemm imsejħa 'il-Korporazzjoni'), l-impjegati tal-MEB ġew trasferiti magħha, u aktar 'il quddiem, fl-2014, l-impjegati kollha tal-Korporazzjoni ġew trasferiti mal-Engineering Resources Ltd (minn issa 'l hemm imsejħa 'ERL')[8];

Illi fl-1970, kienet ittieħdet deċiżjoni governattiva sabiex lill-impjegati tal-MEB, jingħatalhom il-jedd għal pensjoni tas-servizz. Din id-

[5] Paġ. 44 tal-proċess
[6] Paġġ. 62 sa 67 tal-proċess
[7] Paġġ. 68 sa 76 tal-proċess
[8] Dok. "B" u "C" f'paġġ 11 sa 13 tal-proċess

deċiżjoni tħalliet fuq l-ixkaffa għal numru ta' snin[9], u fl-2017 bdiet ħidma sabiex jinstab tarf ta' kif dik id-deċiżjoni setgħet titħaddem[10];

Illi l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal pensjonijiet tas-servizz tat-Teżor jaqa' fir-responsabbilta` tal-imħarrek Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali[11], u l-atturi ressqu talba flimkien ma' tagħrif[12] marbuta mal-impjieg tagħhom mal-MEB, lill-istess Segretarju Permanenti sabiex iqis il-jedd tagħhom għall-istess pensjoni;

Illi b'ittra elettronika mibgħuta lill-avukat tagħhom fit-8 ta' Awwissu, 2017, l-istess Segretarju Permanenti bagħat jgħarrafhom li, sakemm ma titressaqx prova li tixhed li huma kienu tabilħaqq impjegati fissi mal-MEB qabel Ottubru, 1977, it-talba tagħhom għall-għoti ta' pensjoni ma kenitx tista' tintlaqa'[13]. Fuq talba li tressqet minnhom fil-11 ta' Awwissu, 2017, lis-Segretarju Permanenti sabiex iqis mill-ġdid il-qagħda tagħhom, huwa weġibhom fid-29 ta' Awwissu, 2017[14], u għarrafhom li t-talba tagħhom ma setgħetx tintlaqa', iżda kien lest li jqis il-każ tagħhom taħt skema oħra li setgħet tgħodd għalihom;

Illi f'Novembru, 2017[15], ir-rikorrenti ressqu protest ġudizzjarju kontra l-imħarrkin u, billi ma ngħataw l-ebda tweġiba għat-talba tagħhom, fis-7 ta' Diċembru, 2017, fetħu din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jirrigwardaw iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari li dwarhom qiegħda tingħata din is-sentenza, il-Qorti tara li l-atturi jibnu l-każ tagħhom fuq xilja ta' nuqqas ta' raġonevolezza u trattament diskriminatorju f'deċiżjoni amministrattiva meħuda mill-imħarrkin, jew min minnhom. Jisħqu li d-deċiżjoni ttieħdet sforz kunsiderazzjonijiet mhux tajba (jekk mhux saħansitra irrilevanti) u bi ksur tal-liġi li wasslithom biex tellfithom it-tgawdija ta' pensjoni li kellhom jedd għaliha. B'riħet iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari, l-imħarrkin jgħidu li dik id-deċiżjoni ma tistax tissejjaħ "egħmil amministrattiv" kif imfisser fl-Artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li, f'kull każ, safejn l-azzjoni attriċi tissejjes fuq allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta[16], l-atturi ma jistgħux jistrieħu fuq dik il-liġi li ma tgħoddx għall-ħaddiema fis-servizz pubbliku;

[9] Ara x-xhieda ta' Mark Musu' f'paġ. 41 tal-proċess
[10] *Ibid* paġġ. 56 u 57 tal-proċess
[11] *Ibid* paġ. 40 tal-proċess
[12] Dok. "B' sa "D" f'paġġ. 11 sa 14 tal-proċess
[13] Dok. "A" f'paġ. 10 tal-proċess
[14] Dok. "MM" f'paġ. 46 tal-proċess
[15] Dok. "E" f'paġġ. 15 sa 22 tal-proċess
[16] L-Att tal-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali

Illi għal dak li jirigwarda t-**tieni eċċezzjoni preliminari**, l-imħarrkin jgħidu[17] li l-atturi ma ressqu ebda applikazzjoni kif kien mistenni minnhom li jagħmlu sabiex jingħataw il-pensjoni tat-Teżor. Itennu li l-korrispondenza li għaddiet bejn l-avukat tagħhom u s-Segretarju Permanenti mħarrek ma tistax titqies bħala talba, u wisq anqas it-tweġiba li tahom l-istess Segretarju Permanenti permezz tal-*e-mail* tat-8 ta' Awwissu, 2017, ma tista' titqies bħala 'egħmil amministrattiv' skond kif imfisser fl-Artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi jilqgħu għal dawn l-argumenti billi jgħidu li l-kontenut tal-ittra elettronika tat-8 ta' Awwissu, 2017, mibgħuta lill-avukat tagħhom hija tabilħaqq deċiżjoni meħuda mis-Segretarju Permanenti mħarrek fil-konfront tagħhom, wara li wera li ħa qies tat-tagħrif li bagħtulu u li kellu fil-pussess tiegħu meta wasal għal dik id-deċiżjoni[18];

Illi l-Artikolu 469A(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti tifsira ta' x'inhu l-"egħmil amministrattiv" li din il-Qorti tista' tistħarreġ f'kawża taħt din il-proċedura speċjali. Il-liġi tfisser l-imsemmi "egħmil" bħala "l-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, *warrant*, deċiżjoni jew rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`. .. .". Jekk kemm-il darba għemil ma jkunx jaqa' taħt din it-tifsira, il-Qorti ma tistax tistħarrġu taħt dak l-artikolu f'azzjoni bħal din, għalkemm mhux eskluż li tista' titstħarrġu taħt is-setgħat ġenerali tagħha ta' stħarriġ ġudizzjarju fil-każijiet li ma jkunux jaqgħu fil-parametri speċifiċi ta' azzjoni taħt l-Artikolu 469A;

Illi huwa stabbilit ukoll li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew *warrant* li jsiru minn awtorita` pubblika sakemm din id-deċiżjoni, ordni, liċenza, permess jew *warrant* ma ssirx bil-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorita`. L-għemil jista' jkun kemm fis-sura ta' deċiżjoni mgħarrfa bil-fomm u kif ukoll bil-miktub, għalkemm mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorita` pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorita` pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha[19];

[17] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimati f'paġġ. 63 sa 64 tal-proċess
[18] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti f'paġġ. 69 sa 73 tal-proċess
[19] App. Ċiv. 3.4.2009 fil-kawża fl-ismijiet Jupiter Co. Ltd. et v. Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

Illi, madankollu, jrid jingħad li taħt it-tifsira ta' "egħmil amministrattiv", il-liġi tinkludi wkoll ir-rifjut għal talba. Ir-rifjut ma jgħoddx fih biss iċ-ċaħda ta' talba imma wkoll in-nuqqas ta' għoti ta' deċiżjoni sa ċertu żmien minn meta ssir talba. F'każ bħal dan, iż-żmien meta nuqqas ta' deċiżjoni jitqies bħala rifjut jibda jgħaddi minn dak inhar li talba tiġi notifikata lill-awtorita` li tkun, u jekk kemm-il darba dik l-awtorita` tonqos li tagħti deċiżjoni sa żmien xahrejn minn dik in-notifika;

Illi, għal dak li jirrigwarda l-każ li l-Qorti għandha quddiemha, tajjeb jingħad li l-atturi qegħdin jorbtu t-talba tagħhom mal-korrispondenza (*e-mail*) mibgħuta mis-Segretarju Permanenti fit-8 ta' Awwissu, 2017[20]. Fil-fehma tal-Qorti, din il-korrispondenza trid tinqara u tiġi mistħarrġa wkoll fil-qafas tal-korrispondenza (*e-mail* oħra) li ntbgħatet warajha mill-istess Segretarju Permanenti fid-29 ta' Awwissu, 2017, lill-avukat tal-atturi;

Illi fl-*email* tat-8 ta' Awwissu, 2017, is-Segretarju Permanenti juri li kien lest li jikkonsidra l-konklużjonijiet tiegħu dwar in-nuqqas ta' ogħti tal-pensjoni lir-rikorrenti kemm il-darba r-rikorrenti jressqu provi li tabilħaqq kienu saru impjegati tal-post mal-MEB qabel Ottubru 1977. Jidher li wara din l-*email,* ir-rikorrenti ressqu talba oħra lis-Segretarju Permanenti sabiex jqis mill-ġdid il-konkluzjonijiet tiegħu, iżda lill-Qorti ma jirriżultaliex li r-rikorrenti ressqu xi evidenza ġdida. Fil-fatt, fl-*email* tad-29 ta' Awwissu, 2017, is-Segretarju Permanenti jorbot iċ-ċaħda tat-talba tiegħu mar-raġunijiet li huwa ta fl-ittra tat-8 ta' Awwissu, 2017, u ma jagħmel aċċenn għal ebda dokument li ħa qies tiegħu biex wasslu biex itenni l-konklużjonijiet li kien wasal għalihom f'Awwissu. Dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li l-korrispondenza tat-8 ta' Awwissu, 2017, tabilħaqq kienet deċiżjoni u waħda aħħarija. Tqis ukoll li fl-email li segwietha fid-29 ta' Awwissu, 2017, is-Segretarju Permanenti mħarrek saħansitra għarraf lir-rikorrenti li kien lest li jqishom taħt skema oħra, differenti minn dik li ressqu t-talba għaliha;

Illi l-Qorti ma tista' tilqa' bl-ebda mod is-sottomissjoni tal-imħarrkin li l-atturi ma kinux "applikaw uffiċjalment" biex jingħataw il-pensjoni. Il-liġi mkien ma tgħid li deċiżjoni li tikkostitwixxi "egħmil amministrattiv" trid tkun il-frott ta' xi applikazzjoni uffiċjali. F'każijiet bħal dawn, m'għandhomx jinħalqu kriterji mistħajla fejn il-liġi ma titlobhomx. Fil-każ tal-atturi, ma hemm l-ebda dubju li saret talba f'isimhom. Kienet talba li s-Segretarju Permanenti mħarrek qiesha bħala tali u wieġeb għaliha bħala tali. Qiesha minkejja li l-atturi ma kienu ressqu l-ebda applikazzjoni uffiċjali. Għalhekk, issa mhuwiex sewwa li jingħad li d-deċiżjoni attakkata ma kinitx ir-riżultat ta' xi talba uffiċjali;

[20] Ara l-ewwel talba tar-Rikors Ġuramentat f'paġ. 6 tal-proċess

Illi għal dawn ir-raġunijiet, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni mibgħuta lill-avukat tal-atturi mis-Segretarju Permanenti mħarrek fit-8 ta' Awwissu, 2017, hija fil-fatt "egħmil amministrattiv" għall-finijiet kollha tal-liġi li taqa' taħt is-setgħat ta' stħarriġ minn din il-Qorti fl-għamla ta' kawża li ressqu l-atturi. Għaldaqstant it-tieni eċċezzjoni preliminari ta' l-imħarrkin mhix tajba u din il-Qorti mhix ser tilqagħha;

Illi t-**tielet eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin tgħid li, safejn l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 452, din ma tistax titressaq billi tali artikolu ma jgħoddx għal persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku. Huma jgħidu li bit-tismija ta' dak l-artikolu, l-atturi jridu jwessgħu l-firxa tal-azzjoni tagħhom minn waħda msejsa fuq l-istħarriġ ġudizzjarju għal waħda mibnija fuq il-liġi tax-xogħol. Iressqu wkoll raġunijiet biex juru li dak l-artikolu ma jgħoddx għall-każ tal-atturi u jirreferu għal deċiżjoni mill-Qrati biex issaħħaħ dak l-argument;

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi jilqgħu għal din l-eċċezzjoni billi jgħidu li, fl-ewwel lok, l-azzjoni mressqa minnhom mhix imsejsa biss fuq ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu msemmi tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. Iżidu jgħidu li, bl-imsemmija eċċezzjoni, l-imħarrkin itennu argument li jmur kontra l-ispirtu tan-normattiva tal-Unjoni Ewropeja u d-dikjarazzjonijiet programmatiċi li amministrazzjoni wara l-oħra f'Malta tagħmel minn żmien għal żmien biex titneħħa d-distinzjoni bejn ħaddiema fis-settur pubbliku u dawk fis-settur privat, fejn jidħlu kundizzjonijiet marbuta max-xogħol tagħhom u l-ħlas;

Illi l-Qorti tifhem li l-atturi kollha (magħduda l-mibki Nażżareno Schembri li għalih illum fil-kawża jidhru l-werrieta tiegħu) kienu jew huma impjegati fis-servizz pubbliku. Il-Qorti tagħraf ukoll li, fir-rigward ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, il-liġi tgħid ċar u tond li "servizz mal-Gvern huwa rapport speċjali regolat b'dispożizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew dispożizzjoni tagħha dwar kondizzjonijiet ta' mpieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra"[21]. Tagħraf li f'xi każijiet li jolqtu t-tħaddim tal-Artikolu 27 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta ngħad ukoll li "*l-artikoli tal-liġi invokati mill-atturi ma japplikawx għall-ħaddiema tal-gvern. L-Artikolu 84 tal-imsemmi Kap. 452 jgħid ċar u tond li l-Artikoli 27 u 42 huma esklużi u ma japplikawx għall-impjegati tal-gvern. Dak l-artikolu jsemmi liema partijiet mill-Kap. 452*

[21] Art. 469A(6) tal-Kap 12

*japplikaw għall-ħaddiema tal-gvern, u l-imsemmija żewġ artikoli invokati mill-atturi huma esklużi. L-Artikolu 469A (6) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jgħid ukoll li, in linea ġenerali, id-dispożizzjonijiet ta' liġi dwar kundizzjonijiet tal-impieg ma japplikawx għall-haddiema tal-gvern, ħlief safejn liġi tipprovdi mod ieħor. Dan hu hekk peress illi servizz mal-gvern dejjem ġie meqjus li joħloq rapport speċjali li huwa regolat b'dispożizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih, u bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-gvern. Kwindi, ma jista' jkun hemm ebda dubju, fil-fehma tal-Qorti, li l-artikoli tal-liġi invokati mill-atturi, li huma impjegati tal-gvern, mhux applikabbli għalihom*";

Illi madankollu, il-Qorti tagħraf ukoll li, matul l-aħħar snin, sar bdil kbir fil-liġi biex, kemm jista' jkun, id-distinzjoni bejn il-liġi li tgħodd għall-ħaddiema tas-settur privat u dik li tgħodd għal dawk fis-settur pubbliku tixxejjen kemm jista' jkun u li liġi waħda – l-aktar f'dak li jirrigwarda t-tgawdija tal-kundizzjonijiet tax-xogħol – tkun tgħodd għal kulħadd. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, u b'mod partikolari dwar l-artikolu li fuqha tinbena l-eċċezzjoni taħt eżami, jidher ċar li safejn l-azzjoni attriċi ssemmi l-Artikolu 27 tal-Att XXII tal-2002, din timplika bażi ta' trattament diskriminatorju għaliex l-imsemmi artikolu li ddaħħal fl-2002 jaqa' taħt ir-ras ta' "Protezzjoni kontra Diskriminazzjoni Relatata ma' l-Impieg". Issa tajjeb li jingħad li, kif sewwa jgħidu l-imħarrkin fis-sottomissjonijiet tagħhom, meta fl-2007 il-Leġislatur għażel liema mid-dispożizzjonijiet li jitkellmu dwar diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol kellhom jgħoddu għal ħaddiema fis-Servizz mal-Gvern, għoġbu jillimitaha għall-każijiet ta' vittimiżżazzjoni maħsuba fl-Artikolu 28 tal-imsemmi Att u ma semmiex l-Artikolu 27 ukoll[22];

Illi qari xieraq tal-liġi (sussidjarja) msemmija titfa' dawl mod ieħor. Dan għaliex il-liġi (sussidjarja) li tirregola t-trattament indaqs fl-impiegi[23] (u li l-għan dikjarat tagħha huwa dak li "jagħti seħħ lid-dispożizzjonijiet rilevanti lid-Direttivi tal-Kunsill 76/207KEE, 2000/78KE, 2000/43KE, u 2006/54KE"[24]) tagħmilha ċara li din tgħodd għall-persuni kollha kemm tas-settur pubbliku kif ukoll privat u jinkludi s-servizz mal-Gvern kif estiż bl-Avviż Legali fuq imsemmi. Dan l-Avviż Legali jsemmi l-Artikolu 31 tal-Att. Fl-Artikolu 31 tal-Att, fost l-artikoli li dwarhom il-Ministru ngħata s-setgħa li jagħmel regolamenti, hemm sewwasew l-Artikolu 27 tal-Att. Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu jfisser li m'huwiex daqshekk assolut li kwestjonijiet dwar diskriminazzjoni fuq is-saħħa ta' ħlas indaqs għal xogħol tal-istess siwi ma jgħoddx tabilħaqq ukoll għall-ħaddiema fis-settur pubbliku bħalma huma l-atturi f'din il-kawża. Minbarra dan, ir-Regolamenti jagħmluha ċara li kwestjonijiet bħal dawk li jitkellem dwarhom

[22] A.L. 524 tal-2007 (L.S. 452.100)
[23] Regolamenti dwar it-Trattament Ugwali fl-Impieg (A.L. 461/04, L.S. 452.95) kif emendati
[24] Reg. 1(2) tal-A.L. 461/04

l-Artikolu 27 jitqiesu bħala każijiet ta' diskriminazzjoni, lil hinn minn kunsiderazzjonijiet dwar il-ġeneru[25];

Illi dan kollu qiegħed jingħad biss għall-finijiet tal-eċċezzjoni li tqajmet u ma għandu bl-ebda mod jitqies li l-Qorti qiegħda tgħaddi ġudizzju fuq is-siwi tat-talbiet attriċi safejn jinvokaw l-imsemmi Artikolu 27 bħala l-bażi tal-istħarriġ tal-għemli amministrattiv attakkat. Il-Qorti ssib ukoll li l-azzjoni attriċi m'hijiex imsejsa biss fuq il-ksur tal-liġi kif stabbilita fl-imsemmi Artikolu 27, imma fuq kawżali oħrajn li ma' dak l-artikolu m'għandhom xejn x'jaqsmu;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li lanqas din l-eċċezzjoni preliminari ma hija mistħoqqa u mhux se tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari** bħala mhux mistħoqqa;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi u l-eċċezzjonijiet li tressqu dwarha. Għal dan il-għan, tordna li l-atti ta' din il-kawża jintbagħtu lir-Reġistratur ta' din il-Qorti biex jassenja l-kawża quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u li quddiemha jkompli jinstema' il-każ; u

**Tordna** li l-**ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza jitħallsu mill-imħarrkin.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**25 ta' Frar, 2021**

[25] Reg. 3A tal-A.L. 461/04